**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Claire Attard

vs

Paul Micallef

CCT 177/16/MS

16 ta' Ottubru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat mir-rikorrenti fl-4 ta' Ottubru 2016 fejn din wara li premettiet illi hija kienet inkarigat lill-intimat Paul Micallef sabiex jaghmel xoghol fil-fond taghha fil-Mosta, konsistenti fi qligh ta' madum u tqeghid mill-gdid ta' madum iehor kif ukoll xogholijiet ancillari. Illi wara li hallsitu ammont konsiderevoli minn dak pattwit irrejalizzat li x-xoghol ma kienx qed isir skond l-arti u s-sengha u ghalhekk il-madum kellu jerga' jinqala'. Illi b'dan l-agir ir-rikorrenti inkorriet danni. Talbet lil dan it-Tribunal tikundanna lill-intimat li jhallasha s-somma ta' €2,670.20.

Ra r-risposta tal-intimat tat-13 ta' Jannar 2017 fejn ecepixxa li t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjes. Innega li x-xoghol kien difettuz jew li kkawza xi danni.

Sema x-xhieda mill-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra.

Mhuwiex kontestat illi l-partijiet kellhom relazzjoni kummercjali fejn l-intimat accetta l-inkarigu li jesegwixxi xoghol ta' rimozzjoni u tqeghid mill-gdid ta' madum fornit mir-rikorrenti. Din ir-relazzjoni kellha l-bidu taghha f'Dicembru 2015 fejn l-intimat kien accetta ix-xoghol versu l-prezz ta' tmien mitt Euro (€800.00). L-intimat donnu ma riedx jaghmel dak li ssuggeriet ir-rikorrenti, tant u hekk illi fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal, fuq talba li jinqala' l-madum l-antik l-intimat ighid li kien ta l-parir li jitpogga l-madum gdid fuq l-antik halli jkollha sodda tajba. Dan ma giex accettat mir-rikorrenti u ghalhekk l-intimat rega' ta parir illi jitpogga sodda tal-konkos wara li jinqala' l-antik, izda anki hawnhekk ir-rikorrenti ma accettatx. Skond l-intimat, nonostante dan, ftehmu li ha jnehhi l-antik u juza t-terrapin li kien hemm biex jaghmel il-madum il-gdid. Skond ir-

rikorrenti, pero, it-terrapin kollu li kien hemm taht il-madum kellu jinqala' u jintrema u jitpogga terrapin gdid. Ghal dan il-fini, ir-rikorrenti kriet skip.

Ix-xoghol inbeda u mal-ewwel beda jidher li l-xoghol ma kienx qieghed jigi mqieghed skond is-sengha peress li r-rikorrenti ndunat b'hafna dislivelli u, kif qalet hi, kienet ukoll ser tehodha ghal wiccha. Meta ilmentat b'dan mal-intimat ghall-ewwel qallha biex thalli f'idejh imma mbaghad wara li gie rinfaccat b'aktar xoghol, ammetta li x-xoghol kien qed sar hazin. Ir-rikorrenti tirreferi ukoll ghal dokument datat 3 ta' Marzu 2016, esebit fl-atti fejn allegatament l-intimat ammetta li x-xoghol sar hazin.

It-Tribunal ezamina dan id-dokument u jidher li huwa miktub mhux professjonalment, tant li fih hafna kontradizzjonijiet u kliem li ma jaghmlux sens fil-kuntest taghhom (ez. li l-intimat qed jichad). Pero' meta t-tribunal jabbina dan id-dokument mad-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat tas-17 ta' Lulju 2017 fejn ammetta li l-kolla li uza ma kenitx sodisfacenti u fejn accetta li jerga' jaghmel ix-xoghol mill-gdid a spejjes tieghu kif ukoll mar-rapport tal-perit, allura jasal ghal konkluzjoni illi verament l-intimat kien ammetta li x-xoghol ma kienx qed isir sew u kien accetta li jaqla kollox u jibda mill-gdid. Dan ghamlu izda madankollu ir-rikorrenti ma kenitx sodisfatta bix-xoghol li kien qed jaghmel l-intimat. Tant u hekk illi inkarigat lil perit Roberta Azzopardi sabiex tispezzjona x-xoghol u wara li taghmel rapport. Saru l-ispezzjonijiet u wara gie redatt ir-rapport.

Dan ir-rapport huwa ezebit fl-atti u l-perit tasal ghal konkluzjoni fost affarijiet ohra illi x-xoghol 'juri bic-car li l-madum ma kienx inwahhal hekk kif titlob l-arti u s-sengha.' L-ewwel darba li ltaqghu fil-bidu ta' Marzu, kien sar appuntament ghad-19 ta' Marzu 2016 fejn l-intimat kellu jaqla' madum indikat lilu sabiex jerga' jsir mill-gdid. Jidher li dan il-madum inqala' u skond il-perit Azzopardi gie osservat li l-kolla li kien hemm taht il-madum ma kienx skond l-arti u s-sengha. Mistoqsi x-tip ta' kolla uza l-intimat wiegeb li ma kienx jaf. Sar it-tielet spezzjoni u din id-darba ittiehed independent tile-layer fuq il-post.

Fil-paragrafu konluzjonali taghha l-perit Azzopardi tikkonkludi illi l-madum imwahha minn Paul Micallef "ma kienx imwahhal hekk kif titlob l-arti u s-sengha, anke jekk dan inghata kull hin u cans biex jirranga s-sitwazzjoni tal-madum." Fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal, il-perit tippreciza illi hi ma kenitx prezenti meta kien qed isir ix-xoghol riparatorju mis-sur Micallef. Pero tghid ukoll li marret fuq il-post wara li ppreparat ir-rapport taghha. (Xhieda 15 ta' Frar 2017) u " l-madum kien ghadu kif kien f'Marzu u cjoe' hemm dislivell u hniek u l-hoss ta' vojt taht il-madum u dan kollu jfisser li x-xoghol ma sarx skond is-sengha." Ta' min jinnota wkoll illi l-perit osservat illi l-intimat kien ammetta maghha li kien kisser il-madum l-antik u uzah bhala bazi mat-torba meta dan ma kienx miftiehem li jsir hekk. Dan ikompli jsahhah l-argument li l-intimat ried jaghmel dak li ried hu u mhux dak li kien miftiehem li jsir. L-intimat jargumenta illi r-rikorrenti missha gabet il-perit biex tissorvelja x-xogholijiet meta Micallef kien qed jahdem it-tieni darba, gialdarba ma kenitx sodisfatta bix-xoghol tieghu u l-fatt li m'ghamlitx hekk anke wara illi kienet ingiddmet allura ma tistax issa tilmenta illi x-xoghol ma sarx sew. It-Tribunal ma jaqbilx. Jekk l-intimat kellu d-dubji tieghu missu insista mar-rikorrenti fuq il-presenza tal-perit u ma jkomplix bix-xoghol fin-nuqqas. Dan m'ghamlux u ghalhekk assuma r-responsabbilta' tax-xoghol li ghamel.

Minkejja li dan ir-rapport huwa prezentat ex parte, it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala m'ghandux joqghod fuqu, aktar u aktar meta mhuwiex ikkontestat mill-intimat. Ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi gie ppruvat sodisfacentament, fi grad li trid il-ligi li probabbilment ix-xoghol li ghamel l-intimat ma kienx skond l-arti u s-sengha.

Ir-rikorrenti qieghda tilmenta wkoll mill-hsara illi ghamel l-intimat fuq il-bank tal-kcina. Filwaqt li fl-eccezzjonijiet tieghu l-intimat qed jinnega li ghamel dawn il-hsarat, quddiem dan it-Tribunal xehed illi ra l-hsara li kien hemm fuq il-wicc u ddikjara "jiena ghidtilha li tara kemm kien u nhallasulha."

Ikkunsidra

Illi biex tiggustifka t-talba taghha ir-rikorrenti pprezentat quotation sistematiku bid-diversi cifri li hallset ghax-xoghol li kellu jsir. Uhud minn dawn ic-cifri huma korroborati mid-dokumenti tad-ditta li forniet il-materjal. Cifri ohrajn mhumiex dokumentati u c-cifra dwar it-tiswija tal-wicc tal-bank mhijiex konfermata mill-mastrudaxxa Louis Carter, li l-anqas iffirma dokument li suppost ipprepara hu u ma xehedx quddiem it-Tribunal.

Ghalhekk dan jinduci lit-Tribunal li jkun gust u ekwu u li t-talba tar-rikorrenti tigi aggustata bi ftit.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti parzjalment, aggustata ghas-somma ta' elfejn mija u hamsin Euro (€2,150.00) u jikundanna lill-intimat li jhallasha din ic-cifra. Bl-ispejjes kontra tieghu.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**